MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2005

Citazzjoni Numru. 798/2003

**Multi Construction Services Limited**

**Vs**

**John Mifsud Navarro**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha s-socjeta' attrici ppremettiet:

Peress illi s-socjeta' attrici hija l-proprjetarja tal-fond 49, Tigne Street, Sliema, filwaqt li l-konvenut huwa sid tal-appartamenti numerati 1 u 2, fi block bini numerat 48, Tigne Street, Sliema.

Peress illi l-konvenut abbuzivament wahhal *air conditioning unit* mal-faccat tal-fond 49, Tigne Street, Sliema, u minkejja li gie nterpellat diversi drabi sabiex inehhih huwa baqa' inadempjenti.

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex ma ghandiex dina l-Onorabbli Qorti, prevja dikjarazzjoni jekk mehtieg li l-*air conditioning unit* tal-konvenut jinsab imwahhal abbuzivament mal-faccata tal-fond 49, Tigne Street, Sliema propjeta' tas-socjeta' attrici, tordna lill-konvenut sabiex fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi ffissat minn dina l'Onorabbli Qorti inehhi l-istess *air conditioning unit* minn mal-faccata tal-fond 49, Tigne Street, Sliema u, fin-nuqqas li jottempra ruhu, tawtorizza lis-socjeta' attrici tnehhih hija stess a spejjes tal-istess attur, occorrendo bl-assistenza ta' periti nominandi.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici a fol. 3 tal-process;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lil konvenut li naqas li jipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u hekk baqa' kontumaci;

Rat il-verbal tad-9 ta' Frar, 2004, fejn Dr. Paul Farrugia nforma l-Qorti li x-xogholijiet kienu saru u li kien baqa' biss il-kwistjoni tal-ispejjez, kif anke konfermat mill-Perit Anthony Fenech fl-affidavit tieghu pprezentat fis-26 ta' Jannar, 2005;

Fil-kontumacja tal-konvenut u fid-dawl tad-dikjarazzjoni li l-mertu gie ezawrit, tilqa' t-talba limitatament ghall-ispejjez bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------